A.L. 318 ta' l-2010

ATT DWAR IL-ĦARSIEN TAL-AMBJENT
(KAP. 435)

ATT DWAR L-IPPJANAR TA' L-IŻVILUPP
(KAP. 435)

ATT DWAR L-AWTORITÀ GĦAS-SAĦĦA U S-SIGURTÀ FUQ IL-POST TAX-XOGĦOL
(KAP. 424)

Avviż ta' Bidu fis-Seħħ tar-Regolamenti ta' l-2009 dwar Maniġġar ta' Skart (Maniġġar ta' Skart mill-Industriji ta' Estrazzjoni u Rdim)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 9 u 10 ta' l-Att dwar il-Ħarsien ta' l-Ambjent, l-artikolu 60 ta' l-Att dwar l-Ippjanar ta' l-Iżvilupp, l-artikolu 12 ta' l-Att dwar l-Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol, u skond ir-regolament 1(2) tar-Regolamenti tal-2009 dwar Maniġġar ta' Skart (Maniġġar ta' Skart mill-Industriji ta' Estrazzjoni u Rdim), ippublikati bl-Avviż Legali 22 ta' l-2009, il-Prim Ministru w il-Ministru għas-Saħħa, l-Anzjani u Kura fil-Komunità, wara konsultazzjoni ma' l-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar u l-Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol, stabbilixxew it-30 ta' Mejju, 2010 bħala d-data meta r-regolamenti imsemmija għandhom jidħlu fis-seħħ.